



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.6.2014
COM(2014) 365 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U
LILL-KUNSILL**

**Rapport finali dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE
(2010-2014)**

1. Introduzzjoni

L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna (ISS) tal-2010¹ ġiet definita biex l-Unjoni Ewropea tkun tista' tirreaġixxi għal theddidiet eżistenti u emerġenti għas-sigurtà tas-soċjetà Ewropea, iċ-ċittadini tagħha u l-organizzazzjonijiet tal-UE.

L-Istrateġija għandha l-għan li tidentifika l-**isfidi għas-sigurtà interna tal-UE** fil-kuntest li ħafna mill-isfidi tal-lum għas-sigurtà huma ta' natura transfruntiera u transsettorjali u li ebda Stat Membru ma jista' jwieġeb b'mod effettiv għal dawn it-theddidiet waħdu. L-Istrateġija tidentifika wkoll **prinċipji u linji gwida komuni** – li jirrispettaw għal kollox id-drittijiet fundamentali – li jirfdu Mudell Ewropew ta' Sigurtà, u li għandhom għan ulterjuri li jiżviluppaw strumenti u politiki komuni permezz ta' approċċ aktar integrat.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "*L-Istrateġija tas-Sigurtà Interna tal-UE fl-Azzjoni*"² tidentifika **ħames objettivi strateġiċi ewlenin** biex jiġu segwiti mill-UE u l-Istati Membri tagħha sabiex tkun iktar effikaċi fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-terroriżmu u ċ-ċiberkriminalità, fit-tiżni tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni tagħna u biex tibni reżiljenza għad-diżastri naturali u dawk ikkawżati mill-bniedem. Se jittieħdu azzjonijiet speċifiċi fil-livell tal-UE, kif ukoll fil-livelli nazzjonali u internazzjonali.

Fl-2011³ u fl-2013⁴ il-Kummissjoni rrapportat dwar l-implimentazzjoni tal-ISS u adattat l-azzjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet għall-iżviluppi l-ġodda. Ir-rapporti jiffukaw fuq l-isforzi li saru fil-livell tal-UE u jinfurmaw dwar il-progress miksub, u l-isfidi kurrenti u futuri.

Fil-Komunikazzjoni l-aktar reċenti tagħha l-Kummissjoni tikkonkludi li "*r-rapport li jmiss dwar l-implimentazzjoni tal-ISS, li huwa l-aħħar wieħed se jiġi ppreżentat f'nofs l-2014. Ir-rapport se jivvaluta jekk l-għanijiet tal-ISS intlaħqax u se jqis ukoll sfidi futuri fil-qasam tas-sigurtà interna*".

B'konformità ma' dawn il-konklużjonijiet, u filwaqt li jibni fuq iż-żewġ rapport preċedenti, dan it-tielet u l-aħħar Rapport dwar l-ISS 2010-2014 għandu għan doppju. L-ewwel, li jivvaluta l-azzjonijiet implimentati skont il-ħames objettivi strateġiċi tal-ISS mill-2010 'l hawn. It-tieni, jidentifika sfidi possibbli fil-ġejjieni, l-objettivi trasversali u l-isfidi emerġenti bil-ħsieb ta' Strateġija tas-Sigurtà Interna mġedda, b'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "*Ewropa Miftuħa u Sikura: Kif Nagħmluha Realtà*"⁵, li tippreżenta proposti għall-aġenda futura tal-UE tal-Affarijiet INTERNI.

Fit-tiejnjija tagħha għal dan ir-Rapport, il-Kummissjoni kkunsidrat ir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar it-tieni rapport fuq l-ISS⁶.

2. Kisbiet ewlenin fl-implimentazzjoni tal-ISS 2010-2014

F'dawn l-aħħar snin it-trawwim tas-sigurtà interna Ewropea ħa spinta ġdida, permezz tal-implimentazzjoni tal-ISS u tal-istrateġiji mmirati.

¹ L-Istrateġija ta' Sigurtà Interna tal-Unjoni Ewropea: Lejn Mudell Ewropew ta' Sigurtà, 5842/2/2010.

² COM(2010) 673.

³ COM(2011) 790.

⁴ COM(2013) 179.

⁵ COM(2014) 154.

⁶ 2013/2636 (RSP).

Il-ħames objettivi strateġiċi taħt l-ISS 2010-2014 huma (1) it-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali, (2) il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ, (3) iż-żieda fil-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju, (4) it-tiħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri u (5) żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri.

Mill-2010 'l hawn sar progress f'dawn l-objettivi, kif juru ż-żewġ rapporti tal-Kummissjoni dwar l-ISS kif ukoll dan ir-Rapport. L-ISS 2010-2014 f'dawn l-aħħar snin kienet is-sinla tal-inizjattivi li jirrigwardaw is-sigurtà interna tal-UE. Hija tat kontribut biex ikomplu jissaħħu l-kapaċitajiet tal-UE, l-Istati Membri tagħha, u ta' partijiet ikkonċernati oħra u biex tissaħħaħ l-kooperazzjoni operattiva fost l-Istati Membri. L-ISS tat kontribut ukoll biex ikun hemm approċċ aktar transsettorjali f'kull livell.

Kellhom jiġu ffaċċjati diversi sfidi fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija. Il-kriżi finanzjarja, u l-limiti li rriżultaw, fl-Ewropa fixklu mhux ftit id-**disponibbiltà tar-riżorsi**. Teknoloġiji ġodda pprovdew opportunitajiet ġodda għall-partijiet ikkonċernati fis-sigurtà iżda fl-istess ħin ħolqu theddidiet ġodda inkluż **tkabbir mgħaġġel tat-theddida taċ-ċiberkriminalità** u l-ħtieġa biex jiġi fformulat approċċ biex jiġġilidha. Allegazzjonijiet rigward programmi ta' ġbir ta' tagħrif sigriet fuq skala kbira, minkejja li mhux direttament relatati mal-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi, qajmu dibattu qawwi dwar il-kundizzjonijiet li fihom għandha tinkiseb is-sigurtà. Dan wassal għal determinazzjoni msaħħa biex **tiġi salvagwardjata l-fiduċja reċiproka**, id-demarkazzjoni tal-politiki dwar is-sigurtà tkun iktar inklużiva u l-ħtieġa li tissaħħaħ l-integrazzjoni tad-drittijiet fundamentali u l-politiki dwar is-sigurtà interna. Fl-aħħar nett, rigward id-dimensjoni esterna tas-sigurtà, l-UE kienet iffaċċjata bl-effetti li ħallew il-kunflitti reġjonali u l-bidliet politiċi kbar bħar-Rebbiegħa Għarbija, il-kunflitti fl-Afrika Sub-Saħarjana u l-kunflitt fis-Sirja; dawn kellhom impatt fuq is-sigurtà interna tal-UE.

Dawn l-isfidi kkonfermaw il-ħtieġa tal-ISS, li ġiet implimentata b'mod effettiv, kemm permezz ta' inizjattivi ġenerali kif ukoll premezz ta' inizjattivi li jirrigwardaw kull waħda mill-ħames objettivi speċifiċi.

Il-leġiżlazzjoni u l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni issa jipprovdu għodod komuni biex jipproteġu aħjar is-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej minn kriminalità serja u organizzata. Żieda fl-infurzar tal-liġi u fil-kooperazzjoni ġudizzjarja irriżultaw li huma essenzjali għar-reazzjoni kontra theddid komuni bħalma hu t-traffikar tal-bnedmin, it-terroriżmu, iċ-ċiberkriminalità u l-korruzzjoni.

Saru sforzi konsiderevoli biex tissaħħaħ l-applikazzjoni tal-approċċ multidixxiplinarju u integrat – wieħed mill-objettivi ewlenin tal-ISS – biex jiġu indirizzati l-isfidi għas-sigurtà li dejjem iżidu fil-kumplessità. Saru inizjattivi biex partijiet ikkonċernati differenti jingħaqdu u jiżviluppaw u jikkonsolidaw sinerġiji bejn il-politiki u l-azzjonijiet.

Il-Kumitat Permanenti għas-Sigurtà Interna (COSI), li nħoloq mit-Trattat ta' Lisbona, beda jopera fl-2010. Il-COSI progressivament sar il-fus tal-approċċ operattiv integrat u multiagenziji dwar is-sigurtà interna tal-UE. Il-COSI għandu jsir iżjed operazzjonali, f'termini ta' koordinazzjoni ta' xogħol tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-UE. Il-komunikazzjoni ulterjuri tiegħu mal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (KPS) għandha tgħaqqad aħjar id-dimensjoni esterna u interna tas-sigurtà interna.

2.1. Kisbiet ewlenin speċifiċi skont l-oġġettiv matul il-perjodu 2010-2014

2.1.1. Oġġettiv 1: It-tfixkil tan-netwerks tal-kriminalità internazzjonali

L-ISS iddefinixxa **tliet azzjonijiet kruċjali**: 1) li tidentifika u żżarma netwerks ta' kriminalità, 2) li tiproteġi l-ekonomija kontra l-infiltrazzjoni kriminali, u 3) li tikkonfiska l-assi kriminali.

Għal dan l-għan sar sforz kbir biex ikompli jiġu żviluppati attivitajiet tal-pulizija bbażati fuq l-intelligence u biex tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u ma' awtoritajiet oħrajn. L-aħjar eżempju huwa l-iżvilupp u l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE kontra l-kriminalità serja u organizzata.⁷ L-Istati Membri tal-UE, bl-appoġġ tal-istituzzjonijiet u l-aġenziji tal-UE, jiddeterminaw – primarjament abbażi tal-Valutazzjoni tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (SOCTA)⁸ tal-Europol – il-prijoritajiet⁹, jistabbilixxu oġġettivi strateġiċi fi pjanijiet pluriennali u jiżviluppaw pjanijiet anwali operattivi, li jiġu eżegwiti.

L-aġenziji ĠAI issaħħew, u dan wassal għal żieda fl-appoġġ operazzjonali mill-Europol¹⁰ u l-Eurojust¹¹ f'investigazzjonijiet inklużi **skwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK)**¹², analiżijiet strateġiċi u operazzjonali kif ukoll proposti għal bażijiet ġuridiċi ġodda¹³ għaż-żewġ aġenziji. In-netwerks speċifiċi transfruntiera għall-infurzar tal-liġi komplew jiġu żviluppati u kienu sostnuti (finanzjarjament), bħal ma kienu l-iskwadri ta' investigazzjoni konġunta (SIK). Il-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari l-programm finanzjarju "Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità (ISEC)" għen lill-Istati Membri biex isaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera tagħhom.

Ġew stabbiliti oqfsa komprensivi ta' politika dwar fenomeni kriminali differenti u dawn qed jipprovdu gwida għall-kooperazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha. L-Istrateġija tal-UE dwar id-Drogi 2013-2020¹⁴ tat direzzjoni mġedda fil-qasam tal-**ġlieda kontra t-traffikar tad-droga**, inklużi d-dinamiċi li qed jinbidlu fis-swieq tad-droga illegali. Permezz tal-proposti leġiżlattivi li jirrigwardaw sustanzi psikoattivi ġodda t-theddida ta' drogi ġodda li qed tiżviluppa b'ritmu mġhaġġel qed tiġi indirizzata¹⁵. Barra minn hekk, l-ewwel EMCDDA – Ir-

⁷ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8-9.11.2010.

⁸ Miġburin mill-Europol bil-kontributi tal-Istati Membri, l-aġenziji ĠAI tal-UE u pajjiżi terzi importanti.

⁹ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6-7.6.2013. Fil-qosor il-prijoritajiet tal-UE għall-perjodu 2014 – 2017 se jindirizzaw: 1) l-immigrazzjoni illegali/irregolari; 2) it-traffikar tal-bnedmin; 3) oġġetti ffalsifikati li jiksru r-regolamenti tas-saħħa, is-sikurezza u tal-ikel u oġġetti bi standard baxx; 4) frodi tas-sisa u frodi Intrakomunitarja b'Kummerċjant Nieqes (Missing Trader Intra Community (MTIC)); 5) il-produzzjoni u t-traffikar ta' drogi sintetiċi 6) it-traffikar tal-kokaina u l-eroina; 7) iċ-ċiberkriminalità (frodi onlajn u tal-ħlas bil-karta tal-kreditu, sfruttament sesswali tat-tfal bl-internet, u ċiberattakki); 8) ir-riskju tal-armi tan-nar għaċ-ċittadini u t-traffikar illegali tal-armi tan-nar; 9) il-kriminalità tal-proprjetà organizzata mwettqa minn gruppi tal-kriminalità organizzata mobbli.

¹⁰ Sat-tielet kwart tal-2013, il-Europol kienet iffaċilitat l-iskambju ta' aktar minn 220 000 messaġġ operazzjonali u nfetħu aktar minn 13 500 każ (żieda ta' 15 % meta mqabbla mal-istess perjodu fl-2012. Il-Europol ipprovdiet appoġġ lill-operazzjonijiet tal-Istati Membri relatati mal-EMPACT, il-pubblikazzjoni tas-SOCTA 2013 u permezz tal-assistenza pprovduta mill-unità ta' Appoġġ tal-EMPACT (ESU).

¹¹ Fl-2013, il-Eurojust għalqet 639 każ u kellha għaddejnin 937 każ li minnhom 257 kienu relatati mal-kriminalità organizzata.

¹² Fl-2013, b'kollox 34 SIK irċewew sostenn (finanzjarju) mill-Eurojust, il-Europol formalment ipparteċipat bħala membru f'35 SIK u f'disa' SIK oħra pprovdiet sostenn operazzjonali sistematiku.

¹³ COM(2013) 173, COM(2013) 535.

¹⁴ 17547/12.

¹⁵ Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

Rapport tal-Europol dwar is-Swieq tad-Drogi ppubblikat f'Jannar 2013 kien pass importanti biex jiġu identifikati xejriet emerġenti u jitrawmu sinerġiji madwar l-aġenziji¹⁶.

Il-politika tal-UE li tindirizza **t-traffikar tal-bnedmin** – li tiegħu approċċ komprensiv u multidixxiplinarju (l-erba' P: prevenzjoni, protezzjoni, prosekuzzjoni, partenarjati) – hija riflessa fid-Direttiva tal-2011 dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu¹⁷. L-Istrateġija tal-UE lejn l-Eradikazzjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016¹⁸, adottata mill-Kummissjoni u approvata mill-Kunsill¹⁹, issa qed tiġi implimentata. Pjattaforma tas-Soċjetà Ċivili tal-UE kontra t-traffikar tal-bnedmin ġiet stabbilita fl-2013 u tiġbor fiha aktar minn 100 oraganizzazzjoni.

Fit-13 ta' Diċembru 2011 daħlet fis-seħħ id-Direttiva dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija²⁰ li tarmonizza r-reati kriminali u tipprovdi sanzjonijiet minimi. Hija għandha l-għan ukoll li tiġġieled kontra l-pedopornografija onlajn u t-turiżmu għal skopijiet ta' sess.

Ġew ipprovduti kontromiżuri rigward il-motivazzjoni għal delitti xprunati mill-profitt bħat-twaqqif ta' Uffiċċji għall-Irkupru tal-Assi (AROs) fl-Istati Membri u l-kooperazzjoni transfruntiera bejniethom²¹, il-proposta għar-Raba' Direttiva dwar il-ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus²² flimkien mar-Regolament dwar it-Trasferiment tal-Fondi²³ u ftehim fuq Direttiva ġdida dwar l-iffriżar u l-konfiska ta' rikavat minn attività kriminali²⁴. Mekkaniżmu ta' rappurtar madwar l-UE dwar il-valutazzjoni tal-**korruzzjoni** wassal għall-ewwel Rapport tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni²⁵ fi Frar 2014. Dan ir-Rapport jispjega għal kull Stat Membru x'miżuri kontra l-korruzzjoni jinsabu fis-seħħ, liema minnhom qed jaħdmu tajjeb, x'jista' jitjeb u kif. Huwa jsejjaħ għal standards ta' integrità aktar b'saħħithom u jissuġġerixxi titjib fil-mekkaniżmi ta' kontroll fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

B'għarfien tat-theddida li jgħib miegħu l-użu illegali tal-**armi tan-nar** għas-sigurtà taċ-ċittadini, il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni²⁶ stipulat għadd ta' metodi kif l-UE tista' tgħin lill-Istati Membri biex isaħħu l-isforzi tagħhom biex ixejnu kemm jista' jkun din it-theddida. L-UE rratifikat il-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar²⁷.

Hemm bżonn li jonqsu r-riskji li żdiedu ta' oġġetti **ffalsifikati** u ta' standard baxx fid-dawl tar-riperkussjonijiet finanzjarji fuq l-ekonomija leċita, il-baġits tal-gvern u s-saħħa taċ-ċittadini. Dan wassal għal sett ta' miżuri ġodda bħall-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni Doganali tal-UE għall-ġlieda kontra l-ksur tad-Drittijiet ta' Proprjetà Intellettuali²⁸ għas-snin 2013-2017 kif ukoll għal azzjoni tal-UE biex tiġġieled il-kuntrabandu tas-sigaretti²⁹.

¹⁶ <http://www.emcdda.europa.eu/publications/joint-publications/drug-markets>

¹⁷ Direttiva 2011/36/UE

¹⁸ COM(2012) 286.

¹⁹ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25.10.2012.

²⁰ Id-Direttiva 2011/93/UE.

²¹ Talbiet għall-intraċċar tal-assi transfruntier permezz ta' SIENA (użat minn 20 Stat Membru) żdiedu minn 475 fl-2012 għal aktar minn 2 000 fl-2013. Iż-żmien ta' rispons għal talbiet bħal dawn naqas ukoll.

²² COM(2013) 45.

²³ COM(2013) 44.

²⁴ ĠU L 127, 29.4.2014, p. 39.

²⁵ COM(2014) 38.

²⁶ COM(2013) 716.

²⁷ ĠU L 89, 25.3.2014, p. 7.

²⁸ ĠU C 80, 19.3.2013, p. 1.

²⁹ COM(2013) 324, Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10.12.2013.

Id-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropew f'materji kriminali tistabbilixxi mekkaniżmu komuni fl-Unjoni Ewropea biex tinkiseb kull tip ta' evidenza fi kwistjonijiet kriminali³⁰. L-awtoritajiet ġudizzjarji jistgħu pereżempju jistaqsu lill-kontropartijiet tagħhom fi Stati Membri oħra biex jinterrogaw xhieda, iwettqu tiftix fi djar, jew jagħmlu monitoraġġ ta' kontijiet tal-bank. Il-miżuri jintroduċu wkoll għarfien awtomatiku reċiproku ta' ordnijiet ta' investigazzjoni u jillimitaw ir-raġunijiet li bihom Stat Membru ieħor jista' jirrifjuta li jese gwixxi l-ordni.

Sar progress konsiderevoli fil-qasam tal-**iskambju transfruntier tal-informazzjoni għall-infurzar tal-liġi**. Inizjattivi eżistenti, bħad-Deċiżjoni ta' Prüm³¹ u l-Inizjattiva Svediża³² ġew gradwalment implimentati mill-Istati Membri. L-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi irċevew aċċess strettament regolat għal ċerti sistemi ta' informazzjoni pereżempju l-bażi tad-dejta EURODAC li tinkludi dejta dwar il-marki tas-swaba³³. F'Diċembru 2012 il-Kummissjoni ppreżentat Komunikazzjoni dwar il-Mudell Ewropew ta' Skambju ta' Informazzjoni (EIXM)³⁴. Il-Kummissjoni tikkoopera mill-qrib mal-Istati Membri u l-Europol biex tappoġġja l-implimentazzjoni tal-EIXM.

Il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Direttiva biex tirregola l-ipproċessar mill-Istati Membri ta' dejta fir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) għal raġunijiet tal-infurzar tal-liġi³⁵. Huwa importanti li d-Direttiva proposta fl-aħħar tiġi adottata.

Kien hemm **żieda fit-taħriġ** tal-komunità tal-infurzar tal-liġi imwettqa mill-aġenziji tal-UE biex jissaħħu l-kapaċitajiet individwali u komuni³⁶. Il-Kummissjoni ppreżentat l-Iskema Ewropea ta' Taħriġ għall-Infurzar tal-Liġi (LETS) bħala approċċ ġdid għat-taħriġ³⁷. Din hija bbażata fuq erba' oqsma ta' taħriġ³⁸ u hija mmirata li tħarreġ tipi differenti ta' uffiċjali tal-infurzar tal-liġi (il-pulizija, il-gwardjani tal-fruntieri u tad-dwana) ta' kull kategorja, inklużi programmi ta' skambju.

2.1.2. Objettiv 2: Il-prevenzjoni tat-terroriżmu u l-indirizzar tar-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ

Fl-2010 ġew identifikati **tliet azzjonijiet kriċjali**: 1) il-komunitajiet ikollhom is-setgħa jipprevjenu r-radikalizzazzjoni u r-reklutaġġ. 2) jinqata' l-aċċess tat-terroristi għall-finanzjament u l-materjali u jiġu segwiti t-tranżazzjonijiet tagħhom, u 3) jiġi protett it-trasport.

Rigward il-kooperazzjoni mal-komunitajiet, l-awtoritajiet lokali u s-soċjetà ċivili, il-Kummissjoni ħadet diversi azzjonijiet. F'Settembru 2011, il-Kummissjoni stabbiliet in-**Netwerk tal-Għarfien dwar ir-Radikalizzazzjoni** (RAN³⁹), li permezz tiegħu dawk li

³⁰ ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1.

³¹ 2008/615/ĠAI.

³² 2006/960/ĠAI.

³³ Ir-Regolament (UE) Nru 603/2013.

³⁴ COM(2012) 735.

³⁵ COM(2011) 32.

³⁶ Fl-2013, is-CEPOL, il-Kulleġġ Ewropew tal-Pulizija, ipprova taħriġ għal aktar minn 8200 parteċipant³⁶ b'aktar minn 100 attività differenti ta' taħriġ.

³⁷ COM(2013) 172.

³⁸ Qasam 1: Għarfien bażiku tad-dimensjoni tal-UE tal-Infurzar tal-Liġi, Qasam 2: Kooperazzjoni bilaterali u reġjonali effettiva, Qasam 3: Speċjalità tematika tal-ħidma tal-pulizija tal-UE, Qasam 4: Missjonijiet ċivili u l-bini ta' kapaċità f'pajjiżi terzi.

³⁹ http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/networks/radicalisation_awareness_network/index_en.htm

jaġixxu fuq livell lokali jistgħu jindirizzaw problemi ta' radikalizzazzjoni u reklutaġġ. F'Jannar 2014, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni dwar il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għat-terrorimu u l-estremiżmu vjolenti⁴⁰. L-azzjonijiet proposti jinkludu miżuri għall-prevenzjoni u għall-bini tar-reżiljenza kif ukoll biex jgħinu lil individwi radikalizzati biex jiddiżimpenjaw u jidderadikalizzaw ruħhom. B'mod parallel ma' dan il-Kummissjoni ppubblikat Għabra tal-aħjar prattiki u approċċi identifikati mir-RAN.

Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għall-fenomeni urġenti ta' **għlieda barranin** li qed jivvjaġġaw lejn żoni ta' kunflitt (b'mod partikolari fis-Sirja) permezz ta' diversi azzjonijiet, inkluż billi r-RAN żviluppa linji gwida tal-aħjar prattiki.

Il-Kummissjoni segwiet mill-qrib l-implimentazzjoni tal-**Programm tal-UE-US dwar ir-Rintraċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu** (TFTP⁴¹) konkluż fl-2010. Irriżulta li t-TFTP, li qiegħed dejjem jintuża aktar mill-UE u mill-Istati Membri, huwa għodda prezjuża li biha jiġu identifikati u rintraċċati t-terroristi u n-networks ta' appoġġ tagħhom madwar id-dinja⁴².

Saru sforzi importanti biex ikunu żgurati s-sikurezza u s-sigurtà billi ġew protetti u individwati oġġetti perikolużi bħal **splussivi** u aġenti **CBRN** permezz tal-implimentazzjoni kontinwa ta' żewġ pjani ta' azzjoni⁴³ u r-Regolament dwar il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu tal-prekursuri tal-isplussivi⁴⁴. Inbeda approċċ ġdid għall-implimentazzjoni tal-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP)⁴⁵ li jiffoka fuq il-prevenzjoni, it-tnejn, ir-rispons u b'mod partikolari fuq l-interdipendenzi bejn is-setturi.

L-attivitajiet fil-valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà fl-avjazzjoni ġew estiżi għal-sett wiesa' ta' riskji relatati mal-passiġġieri.⁴⁶ Il-metodoloġija, imfassla b'mod konġunt ma' esperti tal-Istati Membri u ċ-Ċentru tal-Intelligence tal-UE, tipprovdi qafas referenzjarju għax-xogħol futur f'dan il-qasam. In-netwerk Airpol u l-Kummissjoni komplew jiżviluppaw ukoll gwida tal-UE dwar il-protezzjoni ta' bersalli vulnerabbli fl-ajruporti.

Sabiex jiffaċċjaw il-kriżijiet meta dawn iseħħu, bħall-atti terroristiċi fin-Norveġja, Burgas u Toulouse, l-Istati Membri ingħataw appoġġ mill-Europol, l-Eurojust, l-IntCen u minn pjattaformi tal-infurzar tal-liġi bħall-ATLAS. In-netwerk tal-UE ATLAS, li jikkonsisti f'forzi speċjali ta' intervent fi 28 Stat Membru tal-UE, kompla jiżviluppa l-kapaċitajiet. F'April 2013, huwa mexxa b'suċċess eżerċizzji konġunti b'rispons għal attakk terroristiku simulat f'disa' Stati Membri⁴⁷.

2.1.3. Obiettiv 4: Żieda fil-livelli ta' sigurtà għaċ-ċittadini u n-negozji fiċ-ċiberspazju

L-ISS idefinixxa **tliet azzjonijiet kruċjali**: 1) il-bini tal-kapaċità fl-infurzar tal-liġi u l-ġudikatura, 2) isir xogħol mal-industrija biex iċ-ċittadini jkollhom is-setgħa u jingħataw protezzjoni, u 3) titjieb il-kapaċità għall-għlieda kontra ċ-ċiberattakki.

⁴⁰ COM(2013) 941.

⁴¹ ĠU L 195, 27.10.2010, p 5.

⁴² COM(2013) 843.

⁴³ http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/crisis-and-terrorism/securing-dangerous-material/index_en.htm

⁴⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 98/2013.

⁴⁵ SWD(2013) 318.

⁴⁶ Dan ix-xogħol segwa mill-konklużjonijiet tal-Konferenza ta' Nikosija tal-2012 dwar "Is-Sigurtà tal-Avjazzjoni kontra Theddid Terroristiku" li kienu approvati mill-Kunsill.

⁴⁷ IP/13/335.

Is-SOCTA tenfasizza kif iċ-ċiberkriminalità xprunata mill-profitt twassal għal ħafna tipi differenti ta' reati. Barra minn hekk, iċ-ċittadini Ewropej urew li huma konxji mit-theddida f'Ewrobarometru Speċjali dwar iċ-Ċiberkriminalità⁴⁸, 76 % tar-residenti fl-UE sabu li r-riskju li jsiru vittmi taċ-ċiberkriminalità żdied f'dawn l-aħħar 12-il xahar. Daħlu fis-seħħ miżuri biex iwiegħbu għal din it-theddida.

Il-UE adottat id-Direttiva dwar **attakki kontra s-sistemi tal-informazzjoni**⁴⁹, li tarmonizza l-liġi kriminali tal-Istati Membri dwar dawn ir-reati – pereżempju aċċess illegali f'sistema tal-informazzjoni, l-interferenza illegali fis-sistema, l-interferenza illegali fid-dejta, u l-interċettazzjoni illegali – u tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi.

L-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE⁵⁰, adottata fi Frar 2013, tistabbilixxi viżjoni biex l-UE ssir l-aktar ambjent onlajn sikur fid-dinja. Din intlaqgħet mill-Kunsill⁵¹ u mill-Parlament Ewropew⁵². Hija tenfasizza fost l-oħrajn il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat biex jiżdiedu l-prevenzjoni u r-reżiljenza. Il-Kummissjoni għamlet l-ewwel rapport dwar il-progress miksub u għadha qed taħdem biex tlesti l-azzjonijiet fl-Istrateġija. Il-Kummissjoni pproponiet ukoll Direttiva dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni⁵³ li għandha l-għan li ssaħħaħ ir-reżiljenza nazzjonali u li żżid il-kooperazzjoni f'inċidenti ta' natura ċibernetika.

Iċ-Ċentru Ewropew taċ-Ċiberkriminalità (EC3) fil-Europol infetaħ kmieni fl-2013. L-EC3 qiegħed isir punt fokali għal kwistjonijiet relatati maċ-ċiberkriminalità u kkoopera ma' Stati Membri, l-Eurojust u ma' pajjiżi terzi fuq għadd ta' investigazzjonijiet li ġew konklużi b'suċċess⁵⁴. Huwa jaħdem ukoll mas-settur privat permezz ta' gruppi ta' konsulenza dwar is-sigurtà u s-servizzi finanzjarji tal-internet. Il-Kummissjoni kompliet tippromwovi l-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-ċiberkriminalità bħala qafas għal kooperazzjoni internazzjonali biex jiġġieled kontra ċ-ċiberkriminalità u bħala mudell għal-liġijiet nazzjonali.

Il-Kummissjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika kkooperaw biex fl-2012 ingħata bidu għall-**Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Onlajn**⁵⁵, li bħalissa tlaqqa' flimkien 53 pajjiż iddedikati biex itejbu l-identifikazzjoni tal-vittmi, il-prosekuzzjoni tal-awturi tal-abbuż issir b'aktar suċċess, tiżdied is-sensibilizzazzjoni u jonqos l-għadd onlajn ta' stampi b'abbuż sesswali tat-tfal.

Fid-dawl tar-ritmu mgħaġġel li bih qed tiżdied iċ-ċiberkriminalità għad fadal ħafna xi jsir. Minkejja dan, dawn il-miżuri diġà taw kontribut għal ambjent onlajn aktar sikur għaċ-ċittadini u għan-negozji.

⁴⁸ Eurobarometru Speċjali 404, ta' Novembru 2013.

⁴⁹ Id-Direttiva 2013/40/UE

⁵⁰ JOIN(2013) 1.

⁵¹ Il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-25.6.2013.

⁵² P7_TA(2013)0376. Tabella dwar l-implimentazzjoni ppreżentata fl-okkażjoni tal-Konferenza ta' Livell Għoli sena wara l-adozzjoni tal-Istrateġija: <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/eucybersecurity-strategy-high-level-conference-0>

⁵³ COM(2013) 48.

⁵⁴ https://www.europol.europa.eu/sites/default/files/publications/ec3_first_year_report.pdf

⁵⁵ http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/global-alliance-against-child-abuse/index_en.htm, http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-we-do/policies/organized-crime-and-human-trafficking/global-alliance-against-child-abuse/docs/global_alliance_report_201312_en.pdf

2.1.4. Objettiv 4: It-tisħiħ tas-sigurtà permezz ta' mmaniġġjar tal-fruntieri

L-ISS idetifika **tlit azzjonijiet kruċjali**: 1) jiġi sfruttat il-potenzjal kollu tal-EUROSUR, 2) jissaħħa il-kontribut tal-Frontex fil-fruntieri esterni, 3) issir ġestjoni komuni tar-riskju għall-moviment tal-merkanzija meta taqsam il-fruntieri esterni, u 4) titjeb il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji fil-livell nazzjonali.

L-attivitajiet tal-UE biex twettaq dawn l-azzjonijiet kruċjali saru bil-għan li jiġu salvagwardjati d-drittijiet fundamentali, il-libertajiet bħall-moviment liberu tal-persuni fiż-żona Schengen u ċ-ċirkolazzjoni libera tal-merkanzija fis-suq intern filwaqt li tissaħħa is-sigurtà interna tal-UE. Dan sar billi ġew sfruttati sinerġiji bejn il-politiki tal-ġestjoni tal-fruntieri li jirrigwardaw il-persuni u l-merkanzija, kif ukoll billi ġiet indirizzata l-ġestjoni tal-migrazzjoni flimkien mal-ġlieda kontra l-kriminalità meta tkun qed tiġi implimentata l-istrateġija integrata tal-ġestjoni tal-fruntieri. Permezz tal-miżuri biex jikber l-għarfien tal-gwardji tal-fruntieri, l-awtoritajiet doganali, tal-pulizija u oħrajn dwar is-sitwazzjoni fl-art, fil-baħar u fl-ajru, issa teżisti bażi aktar b'saħħitha għad-determinazzjoni u t-teħid ta' miżuri proporzjonati fil-fruntieri tal-UE. Miżura importanti hija d-dħul fis-seħħ fl-aħħar tal-2013 tal-**EUROSUR**⁵⁶, sistema bi skop multiplu għad-detezzjoni u l-prevenzjoni tal-kriminalità transfruntiera kif ukoll biex jingħata kontribut li jiġu salvati l-ħajjiet tal-migranti fil-fruntieri esterni taż-żona ta' Schengen.

Miżura oħra hija d-dħul fis-seħħ tal-**leġiżlazzjoni ġdida dwar il-governanza ta' Schengen**⁵⁷ Il-leġiżlazzjoni hija mfassla biex ittejjeb l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, sabiex tipprovdi l-appoġġ meħtieġ lill-Istati Membri u jinstab rimedju għal nuqqasijiet possibbli sabiex ikun hemm fiduċja reċiproka fiż-żona Schengen.

Id-diversi analiżijiet tal-Frontex u l-introduzzjoni tas-**Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen tat-tieni ġenerazzjoni (SIS II)**⁵⁸ jipprovdu kontributi addizzjonali għal aktar għarfien. SIS II tinkludi funzjonalitajiet imsaħħa bħala appoġġ għall-analiżi tal-informazzjoni.

Il-moviment liberu tal-persuni huwa meħjun bl-introduzzjoni tas-**Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS)**⁵⁹ u l-Pakkett tal-Fruntieri Intelligenti⁶⁰ li jikkonsisti fi proposti leġiżlattivi għal Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) u Programm ta' Vjaġġaturi Rreġistrati, li t-tnejn qed jiġu diskussi.

L-importazzjoni u esportazzjoni rapida tal-merkanzija u l-protezzjoni tas-suq intern bħalissa qed jiġu indirizzati permezz tal-iżvilupp ta' inizzjattiva għas-sigurtà tal-katina tal-provvista u l-ġestjoni tar-riskju⁶¹.

Sabiex ikollha fis-seħħ il-kapaċitajiet li jagħtu appoġġ lill-Istati Membri, il-Frontex issaħħet permezz tal-adozzjoni tal-bażi ġuridika riveduta tagħha⁶². Il-Frontex iprovdi aktar appoġġ lil dawk l-Istati Membri li jinsabu taħt pressjoni migratorja qawwija, pereżempju l-fruntiera bejn il-Greċja u t-Turkija u l-baħar Eġew. Permezz ta' azzjonijiet fil-qafas tat-Taskforce tal-

⁵⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 1052/2013 li jstabbilixxi s-Sistema Ewropea ta' Sorveljanza tal-Fruntieri (Eurosur).

⁵⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013; Ir-Regolament (UE) Nru 1051/2013.

⁵⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1987/2006.

⁵⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 767/2008.

⁶⁰ COM(2013) 95, COM(2013) 97.

⁶¹ COM(2012) 793, 8761/3/13.

⁶² Ir-Regolament (UE) Nru 1168/2011.

UE għall-Mediterran⁶³ qed tingħata għajnuna komprensiva għall-protezzjoni tal-ħajja tal-migranti u aktar biex ittaffi l-piż ta' dawk l-Istati Membri tal-UE li jinsabu fil-Mediterran.

2.1.5. Objettiv 5: Żieda tar-reżiljenza tal-Ewropa għall-kriżijiet u d-diżastri.

L-ISS tidentifika **erba' azzjonijiet kruċjali**: 1) isir użu sħiħ mill-klawżola ta' solidarjetà, 2) jiġi żviluppata approċċ li jikkunsidra l-perikli kollha għall-ġestjoni tat-theddid u r-riskju, 3) isir kollegament bejn iċ-ċentri differenti ta' għarfien tas-sitwazzjoni, 4) tiġi żviluppata Kapacià Ewropea ta' Rispons għall-Emerġenza biex tittratta d-diżastri.

Biex ikun żgurat rispons effettiv u effiċjenti għall-kriżijiet hemm bżonn li jitwieġbu mistoqsijiet essenzjali (min hu responsabbli għal xiex, meta, fejn u kif), u jrid ikun żgurat approċċ transsettorjali.

Dan wassal għal proposta kongunta⁶⁴ tal-Kummissjoni u tas-SEAE għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-**klawżola ta' solidarjetà** introdotta mit-Trattat ta' Lisbona (l-Artikolu 222 tat-TFUE) li bħalissa qed tiġi diskussa mal-Istati Membri. Il-klawżola ta' solidarjetà se tipprovdi qafas ta' rispons ġenerali għal sitwazzjonijiet "jekk Stat Membru jkun soġġett għal attakk terroristiku jew ikun vittima ta' diżastru naturali jew ikaġunat mill-bniedem".

L-adozzjoni tal-**Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili**⁶⁵ l-ġdid mill-Kunsill fis-17 ta' Diċembru 2013 tagħti kontribut biex tiġi stabbilita Kapacià Ewropea ta' Rispons għall-Emerġenza. Din hija bbażata fuq assi li l-Istati Membri jikkommettu minn qabel u ppjanar aħjar u se tkun assistita miċ-Ċentru għal Rispons ta' Emerġenza, li beda jopera f'Mejju 2013.

Qed jiġu żviluppata valutazzjonijiet tar-riskju nazzjonali skont il-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-2010⁶⁶. F'April 2014 il-Kummissjoni ppubblikat l-ewwel ħarsa ġenerali dwar id-diżastri naturali u kkaġunati mill-bniedem fl-UE li tkopri informazzjoni għal 12-il riskju kbir naturali jew ikaġunat mill-bniedem miġburin f'madwar 17-il valutazzjoni tar-riskju nazzjonali mhejjjin mill-Istati Membri. Il-kontenut huwa kkomplementat minn informazzjoni relatata mal-politiki tal-UE u r-riżultati ta' azzjonijiet ta' riċerka rilevanti ffinanzjati mill-UE⁶⁷.

Id-Deċiżjoni dwar theddid għas-saħħa transfruntier serju⁶⁸ se tagħti kontribut biex tissaħħaħ l-kapacià tal-UE għall-valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tas-saħħa pubblika.

Il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE bejn iċ-ċentri multisettorjali u dawk speċifiċi għas-settur fil-Kummissjoni u fl-aġenziji rilevanti ssaħħet bil-għan li jingħata appoġġ lill-Istati Membri. Din il-kooperazzjoni kienet meġhuna minn qafas ġdid għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata⁶⁹.

Rispons aktar flessibbli u adattabbli fil-livell politiku tal-UE fil-każ ta' kriżijiet kbar issa huwa possibbli permezz tal-arranġamenti tal-UE għal Rispons Integrat waqt Kriżijiet Politiċi (IPCR)⁷⁰ adottati mill-Kunsill fit-13 ta' Ġunju 2013.

⁶³ 17409/13.

⁶⁴ JOIN(2012) 39.

⁶⁵ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924.

⁶⁶ SEC(2010) 1626.

⁶⁷ SWD(2014)134 finali

⁶⁸ Id-Deċiżjoni 1082/2013/UE.

⁶⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE

⁷⁰ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/genaff/137614.pdf

2.1.6. Rispett għad-drittijiet fundamentali u l-implimentazzjoni tal-ISS

Wieħed mill-prinċipji fundamentali tal-ISS huwa r-rispett u s-salvagwardja tad-drittijiet u l-libertajiet taċ-ċittadini ta-UE u ta' dawk li jirrisjedu jew jissoġġornaw fl-UE. Dan sar fuq l-isfond ta' Trattat ta' Lisbona, u r-rekwiżit li tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE⁷¹. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni adottat l-Istrateġija għal-implimentazzjoni effettiva tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali mill-Unjoni Ewropea⁷² u sussegwentement immonitorjat l-implimentazzjoni tagħha permezz tar-rapporti annwali⁷³.

Il-Kummissjoni żviluppat **gwida operazzjonali** dwar kif tittieħed kunsiderazzjoni tad-drittijiet fundamentali fil-valutazzjonijiet tal-impatt tagħha⁷⁴. Ipprovdiet ukoll aċċess għal informazzjoni dwar rimedju legali fl-Istati Membri kollha permezz tal-portal il-ġdid tagħha tal-Ġustizzja elettronika⁷⁵. Flimkien mal-Kunsill tal-Ewropa ħadet passi importanti biex l-UE tissieħeb fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (KEDB)⁷⁶. Filwaqt li kkunsidrat il-ħtieġa li tipprovi protezzjoni tad-dejta personali (l-Artikolu 8 tal-Karta) fl-2012 il-Kummissjoni pproponiet il-pakkett tagħha dwar il-protezzjoni tad-dejta tal-UE⁷⁷. Din il-leġislazzjoni, li qed tiġi diskussa bħalissa, se jkollha impatt fuq il-modi li bihom se tiġi żgurata s-sigurtà interna tal-UE.

Dawn l-iżviluppi aktar istituzzjonali kienu akkumpanjati minn sforzi oħra aktar orjentati lejn il-prattiċità biex id-drittijiet fundamentali jkomplu jiġu integrati aktar fid-dominju tas-sigurtà tal-UE. Pereżempju l-Aġenzija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) pproduċiet għadd ta' opinjonijiet⁷⁸ u rapporti⁷⁹ dwar kwistjonijiet li jvarjaw mill-protezzjoni tad-dejta, ir-radikalizzazzjoni għal reati ta' mibegħda u l-estremiżmu li għandhom impatt fuq l-oqsma tas-sigurtà interna u żviluppar ta' għodod prattiċi għall-uffiċjali pubblici⁸⁰. F'Diċembru 2013 l-FRA ppreżentat il-manwal ta' taħriġ għall-pulizija bbażat fuq id-drittijiet fundamentali⁸¹, li jikkomplementa ktieb ta' struzzjonijiet dwar il-profiling etniku diskriminatorju maħruġ fl-2010⁸².

Bl-adozzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen fl-2013⁸³, ir-rispett għad-drittijiet fundamentali mill-komunità tal-infurzar tal-liġi fl-Istati Membri – meta japplikaw l-*acquis* ta' Schengen – se jiġi mmonitorjat⁸⁴.

⁷¹ Fil-każ tas-Sigurtà Interna tal-UE l-Artikoli li ġejjin tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE huma ta' relevanza partikolari: L-Artikoli 1 sa 26, 37, 38, 45, 46 u 47 sa 54.

⁷² COM(2010) 573.

⁷³ http://ec.europa.eu/justice/fundamental-rights/charter/application/index_en.htm

⁷⁴ SEC(2011) 567.

⁷⁵ <https://e-justice.europa.eu/home.do?action=home&plang=mt&suffix=7>

⁷⁶ Fil-5.4.2013 is-47 Stati Membri tal-Kunsill tal-Ewropa u l-UE ffinalizzaw l-abbozz ta' ftehim għall-adeżjoni tal-UE fil-KEDB. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE mistennija tagħti l-opinjoni tagħha dwar it-test fir-rebbiegħa tal-2014.

⁷⁷ COM (2012) 9, COM (2012) 10, COM (2012) 11.

⁷⁸ Disponibbli fuq <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources/opinions>.

⁷⁹ Disponibbli fuq <http://fra.europa.eu/en/publications-and-resources>.

⁸⁰ Ara FRA (2013), *Joining up fundamental rights. Toolkit for local, regional and national public officials*.

⁸¹ <http://fra.europa.eu/en/publication/2013/fundamental-rights-based-police-training-manual-police-trainers>

⁸² FRA (2010), *Towards More Effective Policing. Understanding and preventing discriminatory ethnic profiling: a guide*.

⁸³ Ara n-nota 57 ta' qiegħ il-paġna.

⁸⁴ 10597/13.

Il-miżuri tal-UE għall-protezzjoni tal-**vittmi tal-kriminalità** għandhom l-għan li jkomplu jipproteġu d-drittijiet ta' kull ċittadin. Eżempji huma l-adozzjoni ta' Direttiva li tistabbilixxi standards minimi dwar id-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità⁸⁵; ir-Regolament dwar ir-rikkonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' protezzjoni fi kwistjonijiet ċivili⁸⁶; u d-Direttiva dwar l-Ordni Ewropea ta' Protezzjoni⁸⁷.

Fl-aħħar nett, sar progress tajjeb biex tiġi żviluppata żona Ewropea tal-ġustizzja bbażata fuq l-għarfien reċiproku u l-fiduċja reċiproka. L-UE diġà adottat tliet Direttivi dwar id-drittijiet proċedurali għal persuni suspettati u akkużati. Dawn huma mmirati lejn id-dritt għall-interpretazzjoni u għat-traduzzjoni fi proċedimenti kriminali⁸⁸, id-dritt għal informazzjoni fi proċeduri kriminali u għal informazzjoni dwar l-akkużi⁸⁹ u dwar id-dritt ta' aċċess għas-servizzi ta' avukat u d-dritt li tiġi infurmata parti terza dwar iċ-ċaħda tal-libertà u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari matul iċ-ċaħda tal-libertà⁹⁰.

3. L-isfidi li ġejjin

L-UE u l-Istati Membri tagħha se jiġu kkonfrontati b'diversi sfidi fis-snin li ġejjin. L-Ewropa gradwalment qed toħroġ minn kriżi ekonomika u soċjali li ħalliet it-traċċi tagħha u għamlet is-soċjetajiet tagħna aktar vulnerabbli u suxxettibbli għar-razziżmu u l-ksenofobija. L-Ewropa hija parti minn dinja globalizzata u interkonnessa fejn il-mobbiltà tan-nies u t-trasport tal-merkanzija mistennija li jikbru. L-UE se tiltaqa' ma' bidliet demografiċi, aktar urbanizzazzjoni, soċjetajiet dejjem aktar diversi u skarsezzi fis-suq tax-xoġhol. L-Ewropa se taffaċċja wkoll il-konsegwenzi possibbli ta' instabbiltà politika f'ħafna partijiet tad-dinja u b'mod partikolari fil-viċinat immedjat tagħha. Avvenimenti bħar-Rebbiegħa Għarbija, il-kriżi attwali fis-Sirja kif ukoll is-sitwazzjoni fl-Ukraina jsejnhu għal tweġibiet xierqa. Se tkun meħtieġa attenzjoni partikolari biex tindirizza dawn l-isfidi.

L-implimentazzjoni tal-miżuri imsemmijin fil-Kapitolu 2 ta' din il-Komunikazzjoni, kemm fil-livell leġislattiv kif ukoll operazzjonali, ipprovdiet lill-UE u lill-Istati Membri **għodod rinfurzati** biex tkun tista' tipproteġi aħjar lis-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej. Twaqqfu mekkaniżmi għal rispons operazzjonali għat-theddid bejn aġenziji differenti, u ġie stabbilit metodu ta' xoġhol aktar koerenti u allinjat għal servizzi operazzjonali differenti (il-pulizija, il-prosekuturi pubbliċi, il-gwardjani tal-fruntieri, kif ukoll is-servizzi tal-intelligence u l-militar, fejn xieraq) dwar it-theddid transfruntier, l-azzjonijiet operazzjonali bejn aġenziji differenti transfruntier mill-awtoritajiet tal-Istati Membri żdiedu u wasslu għal riżultati operazzjonali.

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "*Ewropa miftuħa u Sikura: Kif Nagħmluha Realtà*" diġà identifika dawk l-oqsma ta' politiki dwar is-sigurtà interna fejn għadhom meħtieġa **aktar sforzi** mill-UE u l-Istati Membri tagħha fil-perkors lejn implimentazzjoni effettiva tal-ISS. Dan il-Kapitolu jiffoka fuq l-isfidi li jridu jiġu indirizzati fis-snin li ġejjin.

L-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni u l-konsolidazzjoni ta' dawn il-kisbiet, kif ukoll **il-kooperazzjoni Prattika Msaħħa** se jkun prijoritajiet għax-xoġhol futur.

⁸⁵ Id-Direttiva 2012/29/UE, ĠU L 315, 14.11.2012, p. 57.

⁸⁶ (UE) Nru 606/2013

⁸⁷ 2011/99/UE.

⁸⁸ Direttiva 2010/64/UE

⁸⁹ Direttiva 2012/13/UE

⁹⁰ Direttiva 2013/48/UE

Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-effettività tal-leġiżlazzjoni u tal-politiki se jippermettu li l-azzjonijiet tal-UE jiġu aġġustati. Il-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-investigazzjoni jeħtieġu li fl-Istati Membri tiżdied u tkun effettiva **l-kondiviżjoni tal-informazzjoni** bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet ġudizzjarji, u l-aġenziji rilevanti tal-UE u fost l-aġenziji tal-UE infushom bl-użu sħiħ tal-istrumenti eżistenti tal-UE.

L-approċċ **ċentrat fuq iċ-ċittadin** għandu jibqa' prinċipju li jiggwida s-sigurtà interna tal-UE u għall-opportunitajiet u sfidi tal-ġejjieni. Il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, il-Parlament Ewropew, l-Istati Membri, l-aġenziji tal-UE, pjattaformi speċifiċi esperti relatati mas-sigurtà u ħafna oħrajn se jkollhom jingħaqdu flimkien b'mod aktar qawwi biex ikunu jistgħu jagħtu rispons aktar effettiv għal ambjent li qed jinbidel

Kif deskritt faktar dettall fil-Kapitolu 4, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-UE għandha tiżviluppa verżjoni aġġornata tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna, u teżamina l-azzjonijiet taħt kull objettiv kurrenti għall-2015-2020.

3.1. Sfidi Tematiċi

3.1.1. Il-Kriminalità Serja u Organizzata;

Kollox ma' kollox, il-kriminalità organizzata u serja transfruntiera għadha tippreżenta theddida kbira għas-sigurtà interna tal-UE, filwaqt li tikkawża ħsara gravi lill-vittmi u lis-soċjetà inġenerali. Fl-2013 il-Europol stima li 3 600 Grupp ta' Kriminalità Organizzata huma attivi fl-EU. Is-sigurtà tal-Ewropa għadha fir-riskju mill-infiltrazzjoni ta' ekonomija legali organizzata minn gruppi kriminali. Il-kriżi ekonomika u t-tibdil li rriżulta fid-domanda tal-konsumaturi wasslu wkoll għal tibdil fis-swieq kriminali. Ir-rotot kummerċjali internazzjonali u l-libertà tal-moviment fl-UE jwasslu għal tibdil fit-rotot tat-traffiku fuq għadd ta' komoditajiet (pereż l-eroina, it-traffikar tal-bnedmin). Id-drogi illegali għadhom is-suq li fih jinsabu nvoluti l-akbar għadd ta' Gruppi ta' Kriminalità Organizzata (madwar terz). Ir-reati ekonomiċi, b'mod partikolari l-frodi, żdiedu b'mod sinifikanti u l-frodi hija meġġuna ħafna mid-disponibilità ta' komunikazzjoni u għodod teknoloġiċi msaħħa li jgħinu biex jiġu mmirati onlajn individwi u kumpaniji. Għadd ta' theddidiet, bħad-drogi sintetiċi u ċ-ċiberkriminalità, qed jiżdiedu minkejja l-isforzi li jsiru fil-livelli nazzjonali, tal-UE u internazzjonali biex jindirizzawhom. Oħrajn, bħat-traffikar tal-bnedmin u t-traffikar tal-kokaina, filwaqt li mhux qed jikbru b'mod sinifikanti, x'aktarx jibqgħu sfida serja għall-UE fis-snin li ġejjin.

Fis-SOCTA 2013, l-Europol identifikat ukoll żewġ theddidiet emerġenti, li se jkollhom bżonn jiġu segwiti fis-snin li ġejjin: **il-kriminalità ambjentali u l-frodi fl-enerġija**.⁹¹

⁹¹ Fl-2013 ġiet ippubblikata valutazzjoni speċifika tat-theddid "il-Kriminalità ambjentali fl-UE" li ffokat fuq iż-żewġ reati l-aktar mifruxa, it-traffikar ta' skart illegali u t-traffikar tal-ispeċi mhedda bl-involvement tal-kriminalità organizzata. L-UE hija kkunsidrata bħala destinazzjoni importanti għat-traffikar tal-ispeċi mhedda u l-iskart illegali qed jiġi traffikat fl-UE u lejn destinazzjonijiet barra mill-UE. Gruppi speċjalizzati ta' kriminalità organizzata huma attivi f'dan il-qasam tal-kriminalità. Se jkun bżonn jiġu determinati aktar passi abbażi ta': a) strumenti varji; b) azzjonijiet eżistenti ta' infurzar koordinati li jirrigwardaw il-kriminalità ambjentali u li jinvolvu diversi korpi/aġenziji - Europol, Eurojust, Interpol u UNODC; c) il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni reċenti dwar it-traffikar tal-organismi slavaġ inkluża konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, kif ukoll d) l-isforzi ta' EnviCrimeNet biex tifformula strateġija u azzjonijiet operattivi.

SOCTA enfasizzat il-frodi Intrakomunitarja b'Negozjant Nieqes" (MTIC) li tisfrutta s-swieq tal-elettriku u tal-gass (frodi tal-enerġija) li hi simili għal skema li għandha fil-mira l-kummerċ tal-kreditu tal-karbonju skoperta

Il-Kummissjoni sejra tkompli, fost oħrajn, taħdem fl-azzjonijiet li ġejjin, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti:

- Timplimenta ċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE kontra l-kriminalità serja u organizzata 2014-2020;
- Tagħmel valutazzjoni ta' kif il-kriminalità organizzata tinvesti fl-ekonomija u tidentifika l-vulnerabilitajiet tal-ekonomija illegali għall-kriminalità bħall-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus;
- Issegwi l-ewwel rapport tal-UE kontra l-korruzzjoni inklużi l-kapitoli tal-pajjiżi u l-kapitolu tematiku dwar l-akkwist pubbliku u tħejji għat-tieni rapport li għandu jiġi ppubblikat fl-2016;
- Tagħti appoġġ għall-adozzjoni rapida ta' leġislazzjoni bħar-raba' Direttiva dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus, immirata biex tindirizza l-kriminalità finanzjarja u ekonomika u fost l-oħrajn l-użu ħażin tas-sistema finanzjarja billi jinħeba minn fejn oriġinaw ir-rikavati mill-kriminalità jew bl-ikkanalar ta' flus għal finijiet terroristiċi;
- Tikkunsidra li tipproponi Direttiva dwar il-kriminalizzazzjoni tal-Ħasil tal-Flus li tintroduċi ċertu livell ta' approssimazzjoni tad-definizzjonijiet u sanzjonijiet ibbażati fuq l-Artikolu 83(1) tat-TFUE.
- Timplimenta l-istrategġija tal-UE dwar id-drogi 2013-2020 u tagħti appoġġ għall-adozzjoni rapida tal-leġislazzjoni dwar is-sustanzi psikoattivi ġodda;
- Timplimenta l-istrategġija tal-UE lejn il-Qerda tat-Traffikar tal-Bnedmin 2012-2016. Bil-għan li jinkiseb dan, il-mandat tal-Koordinatur tal-UET ta' Kontra t-Traffikar għandu jiġi estiż;
- Tagħmel monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-bnedmin u l-protezzjoni tal-vittmi tiegħu;
- Tagħmel monitoraġġ tat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-isfruttament sesswali u l-abbuż tat-tfal;
- Teżamina l-ħtieġa għal strategġija komprensiva tal-UE għall-protezzjoni tat-tfal kontra r-reati sesswali;
- Issegwi l-Komunikazzjoni biex tindirizza l-kriminalità relatata mal-armi tan-nar, filwaqt li tissalvagwardja l-bejgħ legali u s-sjieda tal-armi tan-nar. Dan jista' jinkludi li tiġi eżaminata l-leġislazzjoni tal-UE dwar il-bejgħ u t-trasferiment tal-armi tan-nar fl-UE;
- Tagħti appoġġ lil kooperazzjoni msaħħa fl-analiżi u l-infurzar tal-politika dwar il-kontroll tal-esportazzjoni, sabiex issaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, tad-dwana u tal-kontroll tal-esportazzjoni sabiex tiskopri u tostakola t-traffikar transfruntier ta' oġġetti strateġiċi u ta' riskju għoli. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni se tagħti appoġġ biex isir skambju ta' informazzjoni u prattiki tajba, u għall-iżvilupp ta' programm ta' bini ta' kapaċità u taħriġ madwar l-UE għall-atturi msemmija hawn fuq;
- Tkompli bil-valutazzjoni taġġha tal-ambitu tal-kriminalità ambjentali u l-frodi tal-enerġija u tikkunsidra miżuri biex tindirizzahom.

3.1.2. Iċ-Ċiberkriminalità

Il-limitu massimu biex titwettagħ iċ-ċiberkriminalità naqas f'dawn l-aħħar snin, li jagħmilha aktar faċli għal xi ħadd biex isir ċiberkriminali. Ma huma meħtieġa ebda ħiliet tekniċi, minħabba li huma disponibbli għodod rilevanti onlajn f'verżjonijiet li huma faċli għall-utent bi prezzijiet raġonevoli. Il-muniti diġitali u l-pjattaformi onlajn jiffaċilitaw ħafna forum ta'

f'dawn l-aħħar snin. Il-gruppi tal-kriminalità organizzata huma diġà involuti fl-enerġija alternattiva (mir-riħ u mix-xema) u fl-attività kummerċjali tal-ġestjoni tal-iskart, li jużaw biex jaħslu r-rikavati mill-kriminalità.

kriminalità serja u organizzata. L-ammont ta' attacchi ċibernetiċi x'aktarx li jżied fis-snin li ġejjin, minkejja l-miżuri importanti li ttejdu biex jitjiebu l-kapaċitajiet għall-ġlieda kontra ċ-ċiberkriminalità u biex tissaħħaħ is-sigurtà ċibernetika. Għaldaqstant il-kapaċità operattiva biex tkun miġġielda ċ-ċiberkriminalità jeħtieġ li tiżied. In-nuqqas ta' rrapurtar taċ-ċiberkriminalità mill-vittmi, it-traċċar kumplikat tad-dejta li tirrigwarda ċ-ċiberkriminali, tħassib rigward l-assistenza legali reċiproka dwar iċ-ċiberkriminalità u l-ġurisdizzjoni fiċ-ċiberspazju, jeħtieġ jiġu indirizzati.

Il-Kummissjoni se tkompli, fost oħrajn, taħdem fl-azzjonijiet li ġejjin, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti:

- Timplimenta l-Istrateġija tal-UE għaċ-Ċibersigurtà;
- Tkompli tagħti appoġġ għax-xogħol taċ-Ċentru tal-UE għaċ-Ċiberkriminalità (EC3) fl-Europol;
- Tkompli tassisti lill-Istati Membri biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet tagħhom stess biex jiġġieldu ċ-ċiberkriminalità. (ċentri nazzjonali taċ-ċiberkriminalità);
- Tappoġġa l-adozzjoni tad-Direttiva proposta li tistabbilixxi miżuri sabiex tiżgura livell komuni għoli tas-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-UE u ssegwi l-mandat il-ġdid tal-ENISA;
- Tappoġġa l-adozzjoni u l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Budapest dwar iċ-Ċiberkriminalità;
- Tappoġġa, tiżviluppa u tespandi l-Alleanza Globali kontra l-Abbuż Sesswali tat-Tfal Onlajn;
- Tkompli tiżviluppa flimkien mal-EC3 il-kooperazzjoni mal-imsieħba barra mill-UE u mas-settur privat biex issaħħaħ ir-rispons.

3.1.3. Terroriżmu, Radikalizzazzjoni u Ġestjoni ta' Kriżijiet

Matul l-aħħar snin seħħew diversi attacchi terroristiċi, l-aktar minn individwi jew gruppi iżgħar iżda ħafna minnhom kellhom konsegwenzi serji. Matul l-2012, kien hemm aktar minn 200 attakk terroristiku li twettqu jew li fallaw fl-Unjoni Ewropea⁹². L-attakki fil-maratona ta' Boston u fiċ-ċentru kummerċjali ta' Nairobi fl-2013 urew li individwi radikalizzati u gruppi organizzati tat-terroriżmu ma jħarsux biss lejn bersalli tradizzjonali iżda qed ifittxu aktar u aktar li jattakkaw bersalli vulnerabbli. Hemm ukoll xejra inkwetanti biż-żgħażaġh li jmorru lejn pajjiżi oħra bħas-Sirja biex isiru ġellieda barranin. Meta jirritornaw, uħud minnhom jistgħu jkunu ta' theddida serja għas-sigurtà tal-UE. It-theddida mit-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti se toħloq sfida serja għall-UE fis-snin li ġejjin.

Il-Kummissjoni se tkompli, fost oħrajn, taħdem fl-azzjonijiet li ġejjin, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti:

- Torjenta l-attivitajiet preventivi tagħha b'konformità mal-Komunikazzjoni dwar il-Prevenzjoni tar-Radikalizzazzjoni għat-Terroriżmu u l-Estremiżmu Vjolenti;
- Tkompli tappoġġa x-xogħol li jagħmel in-Netwerk tal-Għarfien dwar ir-Radikalizzazzjoni u toħloq Ċentru Ewropew tal-Għarfien biex jiffaċilita l-iskambju tal-prattiki u

⁹² Fir-Rapport tagħha tas-Sitwazzjoni u t-Tendenzi tat-Terroriżmu tal-2013 (TE-SAT) l-Europol indikat li fl-2012 17-il persuna mietu bħala riżultat ta' attacchi terroristiċi fl-UE; 219-il attakk terroristiku twettqu fi Stati Membri tal-UE; 537 individwu ġew arrestati fl-UE għal reati relatati mat-terroriżmu; ġew konklużi proċedimenti fil-qrati għal akkużi ta' terroriżmu fil-konfront ta' 400 individwu.

- speċjalizzazzjoni, tiggwida r-riċerka u tagħti appoġġ lill-partijiet ikkonċernati fl-isforzi ta' tagħhom biex jostakolaw ir-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti;
- Tappoġġa taħriġ u żvilupp aħjar tal-forzi interoperabili biex twieġeb għall-attakki terroristiċi inkluż li tindirizza l-bżonn għal apparat komuni jekk meħtieġ;
 - Timplimenta l-approċċ il-ġdid għad-detezzjoni u l-mitigazzjoni tar-riskji CBRN-E fil-livell tal-UE;
 - Tkompli tiżviluppa l-kapaċità tal-valutazzjoni tar-riskju fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni u skont kif ikun meħtieġ f'dominji oħra ta' prijorità, pereżempju d-dwana;
 - Timplimenta l-approċċ il-ġdid għall-Programm Ewropew għall-Ħarsien tal-Infrastruttura Kritika (EPCIP) u l-erba' każi pilota;
 - Tappoġġa l-kapaċità għat-tnejn billi tistabbilixxi programm ta' eżerċizzji modulari għall-ġestjoni tal-kriżijiet.

3.1.4. Tisħiħ tas-Sigurtà fil-Fruntieri

Il-ħolqien taż-żona ta' Schengen, li tippermetti li n-nies jivvjaġġaw mingħajr ma jkunu suġġetti għal kontrolli, huwa parti mill-pedament tal-kostruzzjoni Ewropea. Il-moviment liberu jgħib benefiċċji sinifikanti għall-ekonomija Ewropea. Mistenni li jkompli jizjed l-għadd ta' nies li jiġu lejn l-UE, speċjalment dawk li jivvjaġġaw bl-ajru. L-importazzjoni u l-esportazzjoni tal-oġġetti se jkomplu jizjed. Ma għandhomx jitħallew isiru abbużi u sitwazzjonijiet fejn Stat Membru ma jaqdux l-obbligi tiegħu biex jikkontrolla ż-żona tiegħu tal-fruntieri esterni għandhom jiġu indirizzati b'mod effikaċi, filwaqt li jiġi żgurat li jkunu fis-seħħ mekkaniżmi adatti ta' solidarjetà biex jagħtu appoġġ lil dawk l-Istati Membri li jiffaċċaw iżjed pressjoni minħabba l-pożizzjoni ġeografika ta' tagħhom u minħabba x-xejriet tal-flussi tal-ivvjaġġar u r-rotot migratorji.

Il-Kummissjoni sejra tkompli, fost oħrajn, taħdem fl-azzjonijiet li ġejjin, f'kooperazzjoni mal-atturi rilevanti:

- Tappoġġa l-adozzjoni tal-Pakkett tal-Fruntieri Intelliġenti tal-UE li jikkonsisti f'Sistema Ewropea ta' Dħul/Ħruġ u Programm ta' Vjaġġaturi Reġistrati;
- Flimkien ma' EU-LISA tkompli tappoġġa l-operazzjoni effettiva tas-SIS II;
- Tesplora l-fattibbiltà li tiġi stabbilita Sistema Ewropea ta' Gwardjani tal-Fruntieri;
- Tfassal pjan ta' strateġija u azzjoni għas-sigurtà tal-katina ta' forniment u l-ġestjoni tar-riskju, u tagħti kontribut għall-implimentazzjoni tiegħu

3.2. Obiettivi trasversali

3.2.1. Tisħiħ tar-rabta bejn is-sigurtà interna u esterna tal-UE

Minħabba li s-sigurtà tal-UE tiddependi fuq fatturi esterni, l-ISS 2010-2014 enfasizzat l-importanza li tkun żgurata l-koerenza u l-kumplimentarjetà bejn l-aspetti interni u esterni tal-politiki tas-sigurtà tal-UE. Għal dan l-għan, ittieħdu passi importanti u jeħtieġ li jiġu segwiti, pereżempju l-istrateġija tal-UE dwar iċ-Ċibersigurtà, l-istrateġija għas-sigurtà u l-iżvilupp fis-Sahel⁹³, l-approċċ dwar it-tisħiħ tar-Rispons tal-UE għall-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni għat-terroriżmu u l-estremiżmu vjolenti, kif ukoll passi lejn strateġija dwar is-Sigurtà Marittima tal-Unjoni Ewropea⁹⁴. L-UE taħdem ukoll għal konverġenza globali ta' opinjonijiet biex jissaħħaħ ir-reġim internazzjonali tan-nonproliferazzjoni tal-armi ta' qerda tal-massa.

Il-kunflitti fil-Mali, il-Libja u s-Sirja jiġġeneraw effetti li għandhom impatt fuq is-sigurtà tal-UE, bħat-theddida li qed tiżdied ta' ġellieda barranin u ta' radikalizzazzjoni terroristika. Is-sigurtà tal-Ewropa qed tkompli tkun fir-riskju minħabba d-diversifikazzjoni u ż-żieda fl-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata internazzjonali fl-ekonomija, il-korruzzjoni, il-kriminalità finanzjarja, u ċ-ċiberkriminalità. Fl-aħħar nett fenomeni oħra għandhom impatt indirett fuq is-sigurtà tal-UE bħal diżastri kkawżati mill-bniedem u dawk naturali; it-tibdil politiku u soċjali fil-viċinat tal-UE; kif ukoll approċċi diverġenti minn pajjiżi madwar id-dinja dwar il-mod kif għandha tkun żgurata s-sigurtà.

Is-sigurtà interna Ewropea tfisser ukoll li wieħed jaġixxi **lil hinn mill-fruntieri tal-UE u f'kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi msieħba**. Kwistjonijiet ta' sigurtà interna għandhom ikunu indirizzati b'mod aktar sistematiku bħala parti mill-politiki esterni tal-UE, marbuta ma' programmi ta' assistenza u kooperazzjoni tal-UE. Hemm bżonn li jissaħħu d-djalogu u l-kooperazzjoni għas-sostenn tar-riformi istituzzjonali, l-istat tad-dritt u r-riformi fis-settur tas-sigurtà. Għandu jkun hemm ukoll għajnuna aktar konsistenti lil pajjiżi terzi li jitolbu l-assistenza fil-bini tal-kapaċità tal-infurzar tal-liġi, billi jiġi offrut taħriġ, jew il-kondiviżjoni tal-għarfien u l-prattika tajba.

Il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk ġudizzjarji ma' pajjiżi terzi u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali għandha tkun xprunata mill-bżonnijiet ta-sigurtà tal-UE u l-valutazzjoni komuni tal-isfidi għas-sigurtà bil-għan li l-obiettivi identifikati fl-ISS jintlaħqu. Dan se jkun jeħtieġ ukoll implimentazzjoni intensifikata tal-**Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) – il-pjan direzzjonali tal-Libertà, Sigurtà u Ġustizzja (LSĠ)** b'mod partikolari biex jiġu ffaċilitati l-kooperazzjoni operattiva u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-aġenziji tal-UE u l-missjonijiet tal-PSDK. Barra minn hekk, l-implimentazzjoni tal-Iskema Ewropea ta' Taħriġ dwar l-Infurzar tal-Liġi (LETS) għandha tagħti kontribut dirett għal dan l-għan ta' tisħiħ fir-rabtiet li jeżistu bejn il-PSDK u l-LSĠ permezz tal-iżvilupp ta' proposta għal kurrikulu komuni ta' taħriġ obligatorju ta' qabel l-istazzjonar tal-uffiċjali kollha tal-infurzar tal-liġi li jipparteċipaw fil-missjonijiet ċivili tal-PSDK. Dan għandu wkoll ikun ta' benefiċċju biex tinbena l-kapaċità f'pajjiżi fejn missjonijiet bħal dawn jiġu stazzjonati.

Ftehimiet eżistenti ma' pajjiżi terzi rigward ir-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR) jipprovdu opportunità oħra biex tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni internazzjonali fl-infurzar tal-liġi u biex jiżdied il-gwadann għall-UE u għall-Istati Membri.

⁹³ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/EN/foraff/141577.pdf

⁹⁴ JOIN 2014(9)

Id-Djalogu dwar il-bżonnijiet tas-sigurtà u l-isfidi komuni tas-sigurtà tal-UE se jkun partikolarment importanti mal-pajjiżi kanididati u potenzjalment kandidati tal-UE, mal-pajjiżi li qed jipparteċpaw fil-politika tal-viċinat tal-UE, mal-imsieħba strateġiċi, kif ukoll ma' pajjiżi li qed jiffaċċaw tranżizzjonijiet demokratiċi kumplessi.

L-UE għandha tkompli tiżviluppa r-relazzjonijiet tagħha ma' **organizzazzjonijiet internazzjonali** bħalma huma n-NU, il-Kunsill tal-Ewropa, l-Interpol u l-Forum Globali Kontra t-Terroriżmu (GCTF). Għandha wkoll tkun aktar attiva fil-fora multilaterali biex tippromwovi l-aħjar prattiki tagħha u tiegħu l-passi neċessarji biex taċċedi għal għadd ta' trattati internazzjonali f'oqsma importanti relatati mas-sigurtà interna.

3.2.2. Tisħiħ tar-rispett għad-drittijiet fundamentali bħala parti minn aproċċ ċentrat fuq iċ-ċittadin

Id-drittijiet fundamentali jeħtieġ li jiffurmaw parti integrali mill-politiki interni dwar is-sigurtà. Id-drittijiet fundamentali jinfurzaw is-sigurtà interna tal-UE billi jissalvagwardaw u jżidu l-fiduċja fost iċ-ċittadini u bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet governattivi. F'dan ir-rigward il-Kummissjoni se tkompli tagħmel monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-qafas leġislativ dwar il-ġlieda kontra ċerti forom ta' razziżmu u ksenofobija⁹⁵. B'riżultat ta' dan, l-istituzzjonijiet Ewropew kollha se jippromwovu l-applikazzjoni effikaċi tal-Karta tal-UE dwar id-Drittijiet Fundamentali u tal-leġislazzjoni sekondarja li tindirizza ċerti drittijiet speċifiċi.

Is-sentenza reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja rigward id-Direttiva dwar id-Detenzjoni ta' Dejta enfasizzat l-importanza tar-rispett għad-drittijiet fundamentali bħala element integrali tal-politiki interni tas-sigurtà.

Sabiex ikun protetti d-drittijiet taċ-ċittadini, l-uffiċjali għandhom ikunu appoġġati minn għodod sempliċi, effiċjenti u prattiki bħal manwali u kurrikula ta' taħriġ li jgħinu l-applikazzjoni korretta tad-drittijiet fundamentali fix-xogħol tagħhom ta' kuljum. Hemm bżonn ukoll li l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) tkun f'qagħda li tagħti kontribut għall-iżvilupp tal-politiki tal-UE fis-sigurtà interna u kwistjonijiet kriminali. Il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem għandha tissaħħaħ. B'mod aktar ġenerali aktar djalogu ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali, is-settur privat u s-soċjetà ċivili huwa essenzjali. Dawn l-isforzi għandhom ikunu akkumpanjati minn rimedji legali disponibbli li jżommu l-pass mat-tendenzi tal-miżuri tas-sigurtà u mal-innovazzjonijiet teknoloġiċi.

3.2.3. It-tisħiħ tal-irwol tar-riċerka, il-finanzjament u t-taħriġ

Il-karatteristika doppja tal-iżviluppi teknoloġiċi (opportunitajiet v theddidiet) teħtieġ approċċ aktar komprensiv fejn il-politiki, it-tħassib dwar is-sigurtà interna u d-drittijiet fundamentali, jeħtieġu jibbenefikaw għal kollox mir-**riċerka**. Eżempju tajjeb fl-2013 kienet l-inizjattiva dwar it-tisħiħ tal-involviment tal-awtoritajiet tas-sigurtà interna fir-riċerka relatata mas-sigurtà u l-politiki industrijali⁹⁶. L-UE se jkollha bżonn tkompli timmobilizza l-għodod essenzjali għat-taħriġ u r-reżiljenza tas-sigurtà, l-aktar bl-użu tal-programm tagħha ta' riċerka u innovazzjoni Orizzont 2020 filwaqt li ma tinsix l-aspetti soċjali relatati mas-sigurtà interna.

⁹⁵ Ara r-Rapport mill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/913/ĠAI dwar il-ġlieda kontra ċerti forom u espressjonijiet ta' razziżmu u ksenofobija permezz tal-liġi kriminali tas-27 ta' Jannar 2014 (COM(2014) 27 finali).

⁹⁶ http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_data/docs/pressdata/en/jha/137399.pdf

Biex jinkisbu l-kompiti ta' sigurtà interna, **finanzjament adegwat u mmirat tal-UE huwa essenzjali**. Il-Fond għas-Sigurtà Interna tal-UE jimmira preċiżament biex jagħti appoġġ lil azzjonijiet li jindirizzaw sfidi ta' sigurtà interna bħal dawn, kif ukoll l-iskambju ta' informazzjoni u taħriġ, fl-oqsma kollha ta' prijorità tal-ISS. Se jkun kruċjali li tiġi żgurata l-kumplimentarjetà bejn il-programmi nazzjonali ta' finanzjament tal-Istati Membri (ġestjoni kondiviża) u l-Azzjonijiet tal-Unjoni (azzjonijiet transnazzjonali jew azzjonijiet ta' interess partikolari għall-Unjoni) ffinanzjati direttament mill-Kummissjoni (ġestjoni diretta)⁹⁷.

Il-ħolqien ta' kultura ta' kooperazzjoni komuni għall-infurzar tal-liġi hija essenzjali biex tinbena fiduċja u fehim reċiproċi u biex tappoġġa l-kooperazzjoni Prattika. **It-taħriġ** fil-livell tal-UE huwa essenzjali biex jintlaħqu dawn l-għanijiet u se jagħti kontribut biex il-kwalità u l-istandards tal-infurzar tal-liġi jissaħħu u jiġu approssimati. L-Iskema Ewropea ta' Taħriġ dwar l-Infurzar tal-Liġi (LETS) għandha tkun kompletament implimentata fis-snin li ġejjin, biex tkun ta' benefiċċju għal numru ta' uffiċjali fil-livelli kollha tal-infurzar tal-liġi, gwardji tal-fruntieri u uffiċjali tad-dwana.

4. It-Triq 'il quddiem

Il-ħames objettivi strateġiċi magħżula mill-ISS 2010-14 għadhom validi u għandhom għalhekk jiġu kkonfermati għall-ISS imġedded. Filwaqt li tibni fuq il-valutazzjoni pożittiva dwar l-implimentazzjoni tal-ewwel ISS, l-UE għandha tiżviluppa verżjoni aġġornata tal-ISS f'kooperazzjoni sħiħa bejn il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew. L-attenzjoni għandha tkun fuq l-analiżi tal-azzjonijiet taħt kull objettiv għall-2015-2020 u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet ġodda biex jindirizzaw it-tneddidiet emerġenti u l-isfidi li qed jevolvu.

L-ISS imġedda għandha ssaħħaħ l-integrazzjoni tad-drittijiet fundamentali fis-sigurtà interna u tagħmel ir-rabta bejn is-sigurtà interna u dik esterna aktar operattiva. Għandha wkoll tikkonsolida u tinkoraġġixxi aktar sinerġiji bejn l-Affajiet Interni u oqsma oħra ta' politika relatati mas-sigurtà interna. Għal dan l-għan, se tkun meħtieġa azzjoni aktar b'sahħiħa biex tikkonsolida l-interazzjonijiet bejn il-politiki u l-azzjonijiet, li tinvolvi atturi differenti, bħal awtoritajiet pubbliċi, ċittadini, is-soċjetà ċivili u s-settur privat. Biex tappoġġa approċċ multidixxiplinari u integrat bħal dan, għandu jiġi kkunsidrat **Forum Konsultattiv dwar is-Sigurtà Interna tal-UE** animat mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri, il-Parlament Ewropew, l-aġenziji tal-UE, ir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-akkademiċi u s-settur privat.

B'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "*Ewropa Miftuħa u Sikura: Kif Nagħmluha Realtà*" kif ukoll mal-linji gwida strateġiċi li jmiss tal-Kunsill Ewropew fil-qasam tas-sigurtà interna, u b'kunsiderazzjoni tal-opinjoni li esprima l-Parlament Ewropew fir-Riżoluzzjoni tiegħu dwar it-tieni rapport tal-ISS (2013/2636(RSP)), il-Kummissjoni qed tippjana li tippreżenta Komunikazzjoni dwar **it-tiġdid tal-Istrateġija ta' Sigurtà Interna**. Il-Kummissjoni se ttejjji din il-Komunikazzjoni wara li tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inkluż permezz ta' konferenza ta' Livell Għoli li se ssir fil-ħarifa tal-2014, bil-parteeċipazzjoni tal-Istati Membri u tal-Parlament Ewropew, kif ukoll tar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, l-akkademiċi u s-settur privat.

⁹⁷ Fondi oħra tal-UE huma relevanti wkoll skont l-objettivi, l-ambitu u l-kundizzjonijiet tagħhom, ara http://ec.europa.eu/budget/mff/index_en.cfm